MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Talba Numru. 411/2004

**Elbros Construction Limited**

**vs**

**Nicholas Bonello**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm172.50) rapperezentanti kera dovuta ghal kirja ta' pompa tal-concrete mikrija lill-konvenut liema kera baqghet ma thallsitx minkejja li l-konvenut gie nterpellat biex ihallasha.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra il-konvenut mid-data meta l-ammont mitlub fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament. .
Ra n-nota prezentata mill-konvenut fit-12 ta’ Marzu, 2004 fejn huwa ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm172.50) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------